

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [L-Ordni Ewropea Tal-Ħlas](#) > [Slovakia](#)

L-Ordni Ewropea tal-Ħlas

Slovakkja



Slovakkja

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 29(1)(a) - Qrati b'ġurisdizzjoni

Skont l-Artikolu 12 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża (*Civilný sporový poriadok*) (l-Att Nru 160/2015) il-qrati kompetenti huma l-qrati distrettwali (*okresné súdy*) u l-Qorti Muniċipali ta' Bratislava IV (*Mestský súd Bratislava IV*).

L-Artikolu 29(1)(b) - Proċedura ta' reviżjoni

Skont l-Artikolu 29(1)(b) tar-Regolament, skont l-Artikolu 398 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża wieħed jista' jfittex rimedju legali straordinarju billi jiftaħ kawża ta' ritrattazzjoni (*žaloba o obnovu konania*) quddiem il-qorti kompetenti li tkun tat is-sentenza fl-ewwel istanza, jiġifieri l-qorti distrettwali (*okresný súd*) jew il-qorti muniċipali (*mestský súd*).

L-Artikolu 29(1)(c) - Mezzi ta' komunikazzjoni

Skont l-Artikolu 125 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża rikors għal ftuħ ta' kawża tista' ssir bil-miktub jew elettronikament. Rikors li jsir mingħajr awtorizzazzjoni elettronika jrid jerġa' jintbagħat fi żmien 10 ijiem fuq karta jew f'format elettroniku awtorizzat, inkella ma jitqiesx. Il-qorti ma titlobx li rikors jerġa' jintbagħat.

L-Artikolu 29(1)(d) - Lingwi aċċettati

Għall-fini tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament, il-lingwa aċċettata hija s-Slovakk.

L-aħħar aġġornament: 26/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.